**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 404/93**

**tat-13 ta' Frar 1993**

**dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana**

(ĠU L 47 , 25.2.1993, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KEE) Nru 3518/93 tal-21 ta' Diċembru 1993 | L 320 | 15 | 22.12.1993 |
| ►**M2** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 | L 349 | 105 | 31.12.1994 |
| ►**M3** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1637/98 ta' l-20 ta' Lulju 1998 | L 210 | 28 | 28.7.1998 |
| ►**M4** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 | L 160 | 80 | 26.6.1999 |
| ►**M5** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 216/2001 tad-29 ta' Jannar 2001 | L 31 | 2 | 2.2.2001 |
| ►**M6** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2587/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 | L 345 | 13 | 29.12.2001 |

Emendata minn:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►**A1** | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

▼B

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 404/93

## tat-13 ta' Frar 1993

## dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 and 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-kwota tat-tariffi fuq l-importazzjoni tal-banana anness mal-Konvenzjoni ta' l-Implimentazzjoni dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji Lil Hemm mill-Baħar tal-Komunità provduta fl-Artikolu 136 ta' Trattat, u b'mod partikolari l-paragrafu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-ħidma u l-iżvilupp tas-suq komuni għall-prodotti agrikoli jridu jkunu akkumpanjati bid-dħul ta' politika agrikoli komuni li tinkludi b'mod partikolari l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli li jistgħu jieħdu għamliet differenti skond il-prodotti;

Billi bħalissa jeżistu ġewwa l-Istati Membri tal-Komunità organizzazzjonijiet tas-suq nazzjonali li jipproduċu l-banana li jfittxu li jiżguraw li l-produtturi jistgħu jiddisponu mill-prodotti tagħhom fis-suq komuni u jdaħħlu introjtu skond l-ispiża tal-produzzjoni; billi dawn l-organizzazzjonijiet tas-suq nazzjonali jimponu restrizzjonijiet kwantitattivi li jfixklu l-ħolqien ta' suq komuni għall-banana; billi xi wħud mill-Istati Membri li ma jipproċudux il-banana jipprovdu postijiet tal-bejgħ bi trattament preferenzjali għall-banana mill-Istati ta' l-AKP waqt li oħrajn għandhom regoli liberi ta' importazzjoni, li saħansitra f'każ wieħed jinkludu sitwazzjoni privileġġjata tat-tariffa; billi dawn l-arranġamenti speċjali jipprevjenu l-moviment ħieles tal-banana fil-Komunità u l-implimentazzjoni ta' arranġamenti komuni għan-negozju ma' pajjiżi oħra; billi għall-iskop tal-kisba ta' suq komuni, organizzazzjoni komuni flessibbli u bbilanċjata tas-suq fis-settur tal-banana trid tieħu l-post ta' dawn l-arranġamenti nazzjonali varji;

Billi, sabiex il-Komunità tkun tista' tirrispetta l-Preferenza Komunitarja u l-obbligi varji internazzjonali tagħha, din l-organizzazzjoni komuni tas-suq għandha tippermetti illi l-banana prodotta fil-Komunità u dik fl-Istati ta' l-AKP li huma fornituri tradizzjonali sabiex jiġu disposti fis-suq tal-Komunità hekk li jipprovdu introjtu adegwat lill-produtturi u bi prezzijiet ġusti għall-konsumatur mingħajr ma jimminaw l-importazzjoni tal-banana minn pajjiżi oħra fornituri;

Billi, sabiex jippermettu illi s-suq ikun fornit bi prodotti ta' kwalità uniformi u sodisfaċenti b'qies xieraq għall-karatteristiċi lokali u l-varjetajiet prodotti u sabiex jiġi żgurat id-disponiment tal-prodotti tal-Komunità bi prezzijiet li jħallu profitt li jiggarantixxi introjtu adegwat, għandhom jiddaħħlu *standards* kwalitattivi għall-banana friska u, jekk meħtieġa, regoli tas-suq għall-prodotti pproċessati mill-banana;

Billi sabiex jiġi mmassimizzat l-introjtu mill-banana prodotta fil-Komunità, għandha tiġi inkoraġġita l-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, prinċipalment bl-għoti ta' għajnuna għalbiex jibdew; billi sabiex dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol effettiv li jikkonċentraw il-provvista, il-membri tagħhom għandhom jindaħlu sabiex iqiegħdu fis-suq il-produzzjoni kollha tagħhom; billi għandha tiġi permessa wkoll il-formazzjoni ta' tipi oħra ta' assoċjazzjonijiet, li jikkomprendu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u r-rappreżentanti tagħhom fl-istadji l-oħra tal-produzzjoni; billi f'data iktar tard għandhom jiġu ddefiniti l-kondizzjonijiet li fuqhom dawn l-assoċjazzjonijiet li

([1]) ĠU Nru C 232, ta' l-10. 9. 1992, pġ. 3.
([2]) ĠU Nru C 21, tal-25. 1. 1993.
([3]) ĠU Nru C 19, tal-25. 1. 1993, pġ. 99.

▼B

jirrappreżentaw l-aspetti varji tas-settur tal-banana jistgħu jindaħlu għal miżuri ta' interess ġenerali u jkollhom ir-regoli tagħhom estiżi għal dawk li mhux membri jew lokalment jew reġjonalment; billi dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jiġu kkonsultati meta jitfasslu l-programmi-oqfsa u jistgħu jieħdu parti attiva fl-implimentazzjoni tal-miżuri strutturalli introdotti bħala parti mill-organizzazzjoni tas-suq;

Billi għandhom jiġu mtaffija n-nuqqasijiet strutturali li jirrestrinġu l-kapaċità tal-produzzjoni Komunitarja milli tikkompeti, prinċipalment sabiex tiżdied il-produttività; billi għandhom jiġu stabbiliti l-programmi sabiex jiksbu dan f'kull reġjun tal-produzzjoni skond l-oqfsa ta' appoġġ tal-Komunità permezz tal-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u bit-tipi varji ta' organizzazzjonijiet fis-settur riferit iktar 'il fuq u li jkunu assoċjati mill-iktar qrib possibbli mat-tħejjija tal-miżuri li jridu jiġu mdaħħla;

Billi l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-swieq sa issa għenu lill-produtturi nazzjonali tal-banana sabiex jiksbu mis-suq introjtu adegwat sabiex ikopru l-ispejjez tal-produzzjoni tagħhom; billi, l-introduzzjoni ta' l-organizzazzjoni tas-suq ma għandhiex tpoġġi lill-produtturi f'sitwazzjoni agħar minn dik ta' issa, u billi huwa probabbli illi (din l-introduzzjoni) tbiddel il-livell tal-prezzijiet f'dawn is-swieq, għandha ssir disposizzjoni għal kumpens sabiex ikopri t-telf ta' l-introjtu li jista' joħroġ mill-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida għalbiex tippermetti l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni Komunitarja bil-prezzijiet miġrura mis-sitwazzjoni strutturali speċifika sakemm dan jibqa' mhux aġġustat mill-miżuri strutturali implimentati; billi għandha ssir disposizzjoni sabiex tiġi aġġustata l-għajnuna biex tqis iż-żieda fil-produttività u x-xejriet fil-kategoriji varji tal-kwalità;

Billi f'ċerti reġjuni żgħar ħafna fil-Komunità fejn il-kondizzjonijiet mhumiex addattati b'mod partikolari għall-produzzjoni tal-banana iżda aktar addattati għal uċuħ alternattivi, il-waqfien definittiv tal-produzzjoni tal-banana għandu jkun inkoraġġit bi primjum għall-waqfien tal-produzzjoni tal-banana; billi, sabiex tiġi llimitata l-ispiża għal din il-ħidma, għandu jkun hemm għażieq għat-tnaqqija mill-iktar fis possibbli;

Billi l-bilanċ previst tal-provvista mfassal kull sena għandu jevalwa l-prospetti dwar il-produzzjoni u l-konsum fil-Komunità; billi għandu jkun possibbli li dan il-bilanċ jiġi rivedut matul is-sena skond iċ-ċirkostanzi, inklużi l-ġrajjiet speċifiċi tal-klima;

Billi sabiex jiġi żgurat it-tqegħid fis-suq sodisfaċenti tal-banana prodotta ġewwa l-Komunità u tal-prodotti li joriġinaw mill-istati ta' l-AKP ġewwa l-qafas tal-Ftehimijiet tal-Konvenzjoni ta' Lomé, għandha ssir disposizzjoni sabiex kull sena tinfetaħ kwota tat-tariffa; billi, minn naħa waħda, l-importazzjonijiet tal-banana minn pajjiżi terzi għandhom ikunu bla ħsara għat-tariffa ta' 100 ECU fuq kull elf tunnelleta metrika, li tikkorrispondi mar-rata korrenti skond it-Tariffa Komuni Doganali u, min-naħa l-oħra, l-importazzjonijiet tal-banana mhux tradizzjonali mill-istati ta' l-AKP trid tkun bla ħsara għal dazju ta' żero skond il-ftehimijiet msemmija hawn fuq; billi għandha ssir disposizzjoni sabiex tiżgura l-addattazzjoni ta' l-ammont tal-kwota tat-tariffa msejsa fuq bdil fid-domanda fil-Komunità rreġistrata fil-bilanċ tal-provvista prevista;

Billi l-importazzjonijiet li ma jidħlux fil-kwota tat-tariffa jridu jkunu bla ħsara għal rati ta' taxxa suffiċjentement għolja sabiex jiġi żgurat illi l-produzzjoni fil-Komunità u l-kwantitajiet tradizzjonali jkunu mqiegħda fuq kondizzjonijiet aċċettabbli;

Billi l-importazzjonijiet tradizzjonali tal-banana mill-istati ta' l-AKP mhumiex inklużi fil-kwota mingħajr dazju tat-tariffa bħala parti mill-kwantità tradizzjonali li tqis l-investimenti speċifiċi diġà magħmula skond il-programmi sabiex tiżdied il-produzzjoni;

Billi sabiex jitħarsu l-għanijiet iddikjarati hawn fuq, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali tas-suq tal-banana, trid issir distinzjoni meta tiġi amministrata l-kwota tat-tariffa bejn, mill-banda l-waħda, l-operaturi li qabel kienu qiegħdu fis-suq il-banana minn pajjiżi terzi u l-banana mill-istati ta' l-AKP mhux tradizzjonali, u mill-banda l-oħra, l-operaturi li

▼B

qabel kienu qiegħdu fis-suq il-banana prodotta fil-Komunità filwaqt li jħallu kwantità disponnibli għall-operaturi l-ġodda li riċentament daħlu jew kienu sejrin jidħlu f'attività kummerċjali f'dan is-settur;

Billi, sabiex ma jiġux sfrattati r-rabtiet kummerċjali eżistenti, filwaqt li illi fl-istess ħin jitħalla xi żvilupp fl-istrutturi tat-tqegħid fis-suq, il-ħruġ għal kull wieħed mill-operaturi ta' liċenzji separati dwar l-importazzjoni għal kull waħda mill-kategoriji ddefiniti hawn fuq irid tkun fuq il-bażi tal-kwantità medja tal-banana mqiegħda fis-suq mill-operatur fit-tliet snin ta' qabel li għalihom kienet disponibbli l-informazzjoni statistika;

Billi meta jiġu adottati l-kriterji addizzjonali illi l-operaturi għandhom jirrispettaw, il-Kummissjoni hija ggwidata mill-prinċipju fejn il-liċenzji jridu jiġu mogħtija lil persuni naturali jew legali li jkunu daħlu għar-riskju kummerċjali fit-tqegħid fis-suq tal-banana u bil-ħtieġa li jiġi evitat id-disturb tar-relazzjonijiet normali tal-kummerċ bejn persuni li jokkupaw postijiet differenti fil-katina tat-tqegħid fis-suq;

Billi, filwaqt li jitqiesu l-istrutturi tat-tqegħid fis-suq, l-Istati Membri jridu, fuq il-bażi tal-proċeduri u tal-kriterji adottati mill-Kummissjoni, jagħmlu ċensiment ta' l-operaturi u jistabbilixxu l-kwantitajiet imqiegħda fis-suq sabiex jintużaw bħala referenza għall-ħruġ taċ-ċertifikati;

Billi l-monitorjar ta' l-importazzjonijiet fil-qafas tal-kwoti tat-tariffa jeħtieġ skema dwar il-liċenzja ta' l-importazzjoni appoġġjata b'garanzija;

Billi l-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tieħu l-miżuri xierqa sabiex tittratta disturbi serji, jew it-theddida ta' dawn id-disturbi, li x'aktarx jipperikolaw il-kisba ta' l-għanijiet ta' Artikolu 39 ta' Trattat;

Billi x-xogħol ta' l-organizzazzjoni tas-suq tiġi mminata bl-għoti ta' ċerta assistenza; billi għalhekk id-disposizzjonijiet tat-Trattat li jippermettu l-konsiderazzjoni ta' l-għajnuniet nazzjonali mogħtija mill-Istati Membri u l-projbizzjoni ta' dawk inkopatibbli mas-suq komuni għandhom jiġu applikati għas-settur tal-banana;

Billi, sabiex tiġi fffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet, għandha tiġi inkluża proċedura li tinvolvi l-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġewwa l-Kumitat Maniġerjali;

Billi l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-banana trid tqis ukoll l-għanijiet iddikjarati fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat;

Billi s-sostituzzjoni ta' l-arranġamenti nazzjonali varji mħaddma meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'din l-organizzazzjoni komuni tas-suq tista' tiddisturba s-suq intern; billi, mill-1 ta' Lulju 1993, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tieħu kull miżura transitorja meħtieġa sabiex tegħleb id-diffikultajiet għalbiex timplimenta l-arranġamenti l-ġodda;

Billi l-iskop tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1319/85 tat-23 ta' Mejju 1985 dwar ir-rinfurzar tas-sorveljanza sabiex jiġu applikati r-regoli Komunitarji dwar il-frott u l-ħaxix ta' l-ikel ([1]) għandu jiġi estiż għas-settur tal-banana sabiex jippermetti l-kontrolli dwar li jkunu qegħdin jitħarsu l-i*standards* stabbiliti għall-banana skond dan ir-Regolament;

Wara li kkunsidra l-importanza soċjali, ekonomika, kulturali u ambjentali tat-tkabbir tal-banana fir-reġjuni Komunitarji tad-dipartimenti barranin Franċiżi, il-Madeira, l-Azores, l-Algarve, Kreta, il-Lakonja u l-Gżejjer Kanarji, li huma reġjuni kkaratterizzati bl-insularità, bil-bogħod u b'ritardazzjoni strutturali, aggravati f'ċerti każi bid-dipendenza ekonomika tagħhom fuq it-tkabbir tal-banana,

Billi t-tħaddim ta' dan ir-Regolament għandu jiġi eżaminat wara perjodu *interim* taż-żmien ta' l-applikazzjoni u qabel l-aħħar ta' l-għaxar sena mid-data li jkun daħal fis-seħħ sabiex jitqiesu l-arranġamenti l-ġodda li jridu japplikaw wara din id-data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU Nru L 137, tas-27. 5. 1985, pġ. 39.

▼**M6**

*Artikolu 1*

1. B'hekk qiegħda tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana.

2. L-organizzazzjoni għandha tkopri l-prodotti li ġejjin:

| Il-kodiċi jiet ĊN | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 0803 00 19 | Banana friska, minbarra l-*plantains* |
| ex 0803 00 90 | Banana mnixxfa, minbarra l-*plantains* |
| ex 0812 95 90 | Banana proviżorjament ippreservata |
| ex 0813 50 99 | Taħlitiet li jkun fihom il-banana mnixxfa |
| 1106 30 10 | Tqiq, *meal*u trab tal-banana |
| ex 2006 00 99 | Banana ppreservata fiz-zokkor |
| ex 2007 10 99 | Preparattivi omoġeneizzati tal-banana |
| ex 2007 99 39<br>ex 2007 99 58<br>ex 2007 99 98 | Ġammijiet, ġelatini, *marmalades, pureesu pastestal*-banana |
| ex 2008 92 59<br>ex 2008 92 78<br>ex 2008 92 93<br>ex 2008 92 98 | Taħlitiet li jkun fihom il-banana ippreparati jew ippreservati b'xi mod ieħor |
| ex 2008 99 49<br>ex 2008 99 68<br>ex 2008 99 99 | Banana ppreservata jew ippreparata b'xi mod ieħor. |
| ex 2009 80 35<br>ex 2009 80 38<br>ex 2009 80 79<br>ex 2009 80 86<br>ex 2009 80 89<br>ex 2009 80 99 | Meraq tal-banana |

3. Is-sena kummerċjali għandha tkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

▼**B**

Titolu I

**L-i*standards* komuni tal-kwalità u tat-tqegħid fis-suq**

*Artikolu 2*

1. Għandhom jiġu stabbiliti l-i*standards* tal-kwalità għall-banana maħsuba biex tiġi fornita friska lill-konsumatur, bl-esklużjoni tal-pjantaġġini, u għandhom jitqiesu l-varjetajiet differenti prodotti.

2. Jistgħu jiġu wkoll stabbiliti l-i*standards* tat-tqegħid fis-suq għall-prodotti proċessati magħmula mill-banana.

*Artikolu 3*

1. Għajr jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi xorta oħra skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27, il-prodotti li għalihom ikunu ġew stabbiliti *standards* komuni jistgħu jiġu mqiegħda fis-suq fil-Komunità jekk jikkoformaw ma' dawn l-i*standards*.

▼B

2. Bl-għan li jiġi stabbilit jekk il-prodotti jħarsux l-i*standards* tal-kwalità, jistgħu jsiru kontrolli mill-korpi nnominati mill-Istati Membri.

*Artikolu 4*

Għandhom jiġu stabbiliti l-i*standards* tal-kwalità, l-istadji tat-tqegħid fis-suq li fihom il-prodotti jridu jikkonformaw ma' dawn l-i*standards* u l-miżuri sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 3, inklużi dawk li jirrigwardaw it-testijiet, skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 27.

Titolu II

**L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-mekkaniżmi tal-konċentrazzjoni**

*Artikolu 5*

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, "organizzazzjoni tal-produtturi" tfisser kull organizzazzjoni tal-produtturi stabbilita fil-Komunità li:

(a) hija stabbilita mill-produtturi nfushom sabiex:

— tikkonċentra l-provvista u tirregola l-prezzijiet fl-istadju tal-produzzjoni għal wieħed jew aktar mill-prodotti riferiti fl-Artikolu 1,

— tagħmel disponibbli lill-membri produtturi l-faċilitajiet tekniċi xierqa għall-pakkjar u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti fil-kwistjoni;

(b) kapaċi turi volum minimu ta' produzzjoni li tista' tiġi mqiegħda fis-suq u numru minimu ta' produtturi;

(ċ) għandha regoli li fihom disposizzjonijiet:

— li jeħtieġu lill-produtturi sabiex iqiegħdu fis-suq permezz ta' l-organizzazzjoni l-produzzjoni totali tagħhom tal-prodott jew il-prodotti li għalihom ingħaqdu ma' din l-organizzazzjoni,

— li jagħtu lill-produtturi l-kontroll ta' l-organizzazzjoni u l-proċeduri tagħha tat-teħid tad-deċiżjonijiet

— li jippenalizzaw kull vjolazzjoni mill-membri produtturi tar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni,

— li jimponu imposti fuq il-membri tagħha,

— li jirrigwardaw id-dħul ta' membri ġodda;

(d) tistabbilixxi r-regoli li jirrigwardaw il-ġbir tat-tagħrif dwar il-produzzjoni, il-produzzjoni u, b'mod partikolari, ir-regoli mfassla sabiex itejbu l-kwalità u r-regoli tat-tqegħid fis-suq;

(e) iżżomm kontijiet separati għall-attivitajiet tagħha li jirrigwardaw il-banana;

(f) tiġi rikonoxxuta mill-Istat Membru interessat skond il-paragrafu 2.

2. Ma' l-applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu lill-organizzazzjonijiet interessati sakemm joffru garanzija adegwata dwar it-tul u l-effettività tax-xogħol tagħhom, b'referenza partikolari għax-xogħol stabbilit fil-paragrafu 1, u sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fihom.

▼M4

*Artikolu 6*

1. Għal ħames snin wara d-data ta' għarfien, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti assistenza biex jinkoraġġixxu l-istabbiliment tagħhom u jassistu fl-operazzjoni amministrattiva tagħhom.

2. Għajnuna bħal din:

— għandha tkun, għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena rispettivament, 5 %, 5 %, 4 %, 3 % u 2 % tal-valur tal-produzzjoni nnegozjata permezz ta' l-awspiċji ta' l-organizzazzjoni tal-produttur,

— m'għandhiex teċċedi l-ispiża attwali tal-formazzjoni u ta' l-operat amministrattiv ta' l-organizzazzjoni kkonċernata,

▼M4

— għandha titħallas b'rati annwali għal massimu ta' seba' snin wara d-data ta' l-għarfien.

Il-valur tal-produzzjoni ta' kull sena għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta':

— il-volum annwali attwalment innegozjat,

— il-medja tal-prezzijiet tal-produttur akkwistati.

3. Organizzazzjonijiet ta' produtturi li joriġinaw minn organizzazzjonijiet li diġà jkunu konformi kważi għal kollox mal-kondizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jikkwalifikaw għal għajnuna permezz ta' dan l-Artikolu biss jekk ikunu stabbiliti bħala riżultat ta' għaqda li tawtorizza l-oġġettivi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5 biex ikunu milħuqa aktar effettivament. B'danakollu, f'każ bħal dan, l-għajnuna għandha tingħata biss f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż tat-twaqqif ta' l-organizzazzjoni (spiża minfuqa b'konnessjoni max-xogħol preparatorju u mat-tħejjija tal-memorandum u l-artikoli ta' l-assoċjazzjoni).

4. L-għajnuna li hemm referenza għaliha f'dan l-Artikolu għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni f'rapport mill-Istati Membri fl-għeluq ta' kull sena finanzjarja.

▼B

*Artikolu 7*

1. L-assoċjazzjonijiet tal-produtturi jew ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi stabbiliti sabiex jieħdu miżuri ta' interess komuni jistgħu jipparteċipaw fit-tħejjija tal-miżuri pprovduti fil-programmi operattivi riferiti fl-Artikolu 10. Il-membri ta' dawn l-assoċjazzjonijiet jistgħu jinkludu proċessuri u negozjanti bħala membri.

2. Il-miżuri ta' interess komuni riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu r-riċerka, it-taħriġ tal-produtturi, l-istrateġija dwar il-kwalità u l-iżvilupp ta' metodi tal-produzzjoni ambjentalment sodi.

*Artikolu 8*

1. Skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent u l-ħidma tal-gruppi li jikkomprendu attività ekonomika jew attivitajiet ekonomiċi li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq jew il-proċessar tal-banana skond l-ordni b'mod partikolari:

— sabiex jittejjeb il-ġbir tat-tagħrif dwar is-suq u l-għerf fl-iżvilupp probabbli tas-swieq u l-kondizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq;

u

— sabiex jitnaqqas it-tifrix tal-provvista, tiġi ggwidata l-produzzjoni u mmexxi 'l quddiem it-titjib fil-kwalità tal-banana biex b'hekk tilħaq aħjar il-ħtiġiet tas-suq u d-domanda mill-konsumaturi.

2. Id-disposizzjonijiet li jridu jiġu adottati jrid ikun fihom, fuq kondizzjonijiet li jridu jiġu stabbiliti, il-possibbiltà li jiġu estiżi għal dawk li mhux membri r-regoli adottati minn dawn il-gruppi sakemm dawn ir-regoli jkunu ta' interess ġenerali għas-settur u sakemm l-estensjoni tagħhom tħares ir-regoli tal-kompetizzjoni fit-Trattat.

*Artikolu 9*

Ir-regoli sabiex jiġi implimentat dan it-Titolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Titolu III

**L-assistenza**

*Artikolu 10*

1. Filwaqt li jaġixxu fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jfasslu programmi operattivi fl-oqfsa ta' appoġġ Komu-

▼B

nitaru għar-reġjuni eliġibbli għalbiex jiddefinixxu l-miżuri li għandhom jidħlu għalihom fis-settur tal-banana sabiex jiksbu mill-inqas tnejn mill-għanijiet li ġejjin:

— strateġija ta' kwalità u kummerċjali għall-prodotti tal-post fid-dawl ta' l-iżviluppi probabbli fl-ispejjeż u fis-swieq;

— l-utilizzazzjoni mtejba tar-risorsi filwaqt li jiġi rrispettat l-ambjent;

— kompetittività akbar.

2. Filwaqt li jaġixxu bil-koperazzjoni riferita fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sa fejn hu possibbli, jassoċjaw fit-tħejjija tal-miżuri riferiti fil-paragrafu 1 il-gruppi, l-assoċjazjonijiet u l-organizzazzjonijiet fis-settur tal-banana, kif riferit fl-Artikoli 5, 7 u 8 rispettivament, u ċ-ċentri tar-riċerka teknika u ekonomika.

3. Rigward il-miżuri fil-programmi tal-ħidma, l-organizzazzjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni għandhom jitwettqu skond ir-regolamenti fis-seħħ sabiex jiġu mmaniġġjati l-Fondi strutturali.

*Artikolu 11*

Fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazjonijiet u l-gruppi riferiti fl-Artikoli 5, 7 u 8 jistgħu jiġu mitluba jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti l-veduti tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li jridu jiġu proposti.

*Artikolu 12*

1. Għandu jingħata kumpens għal kull telf ta' introjtu lill-produtturi Komunitarji li huma membri ta' organizzazzjoni rrikonoxxuta tal-produtturi li tkun qiegħda tqiegħed fis-suq Komunitarju banana li tikkonforma ma' l-i*standards* komuni stabbiliti. Madankollu, il-kumpens jista' jitħallas lil produttur individwali li, minħabba is-sitwazzjoni speċifika tiegħu, u, b'mod partikolari l-lokazzjoni ġeografika tiegħu, ma jistax jingħaqad ma' organizzazzjoni tal-produtturi.

▼A1

2. Il-kwantità massima ta' banana prodotta fil-Komunità u mmexxija fis-suq li għaliha jista' jitħallas kumpens għandha tkun iffissta għal 867 500 tunnellata metrika (piż nett) li għandha titqassam kif ġej għal kull reġjun produttur fil-Komunità:

1. 420 000 tunnellata metrika għall-Gzejjer Kanari,

2. 150 000 tunnellata metrika għall-Guadeloupe,

3. 219 000 tunnellata metrika għall-Martinique,

4. 50 000 tunnellata metrika għal Madeira, l-Azores u l-Algarve,

5. 15 000 tunnellta metrika għal Kreta u Lakonia,

6. 13 500 tunnellta metrika għal Ċipru.

Bla ħsara għall-kwantità massima għall-Komunità, il-kwantità għal kull reġjun tista' tiġi aġġustata.

▼B

3. Il-kumpens għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tad-differenza bejn:

— l-"introjtu ta' referenza b'rata uniformi" għall-banana prodotta u mqiegħda fis-suq fil-Komunità, u

— l-"introjtu medju mill-produzzjoni" miksub fis-suq Komunitarju matul is-sena fil-kwistjoni għall-banana prodotta u mqiegħda fis-suq fil-Komunità.

4. L-"introjtu ta' referenza b'rata uniformi" għandu jkun:

— il-prezz medju tal-banana prodotta fil-Komunità u mqiegħda fis-suq matul perjodu taż-żmien ta' referenza qabel l-1 ta' Jannar 1993 li jrid jiġi stabbilit skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27;

— imnaqqas bl-ispiża medja tat-trasport u tal-kunsinja bil-frank abbord (*f.o.b.*).

▼B

Dan għandu jiġi rivedut mill-Kummissjoni meta l-għajnuna tiġi ffissata wara tliet snin sabiex iqis b'mod partikolari l-produttività u x-xejriet fil-kategoriji varji ta' kwalità.

5. L-"introjtu medju tal-produzzjoni" għall-banana tal-Komunità għandu jiġi kkalkolat kull sena minn:

— il-prezz medju tal-banana prodotta fil-Komunità u mqiegħda fis-suq matul is-sena fil-kwistjoni,

— imnaqqas bil-prezz medju tat-trasport u l-kunsinja bil-frank abbord (*f.o.b.*).

6. Qabel l-1 ta' Marzu ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-għajnuna kumpensatorja għas-sena ta' qabel skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Għandha tingħata għajnuna supplimentari lil reġjun produttur jew aktar meta l-introjtu mill-produzzjoni jkun iktar baxx b'mod sinifikanti mill-introjtu normali fil-Komunità.

7. Jistgħu jitħallsu ħlasijiet bil-quddiem, fuq garanzija, fuq il-bażi ta' l-għajnuna kumpensatorja mogħtija fis-sena ta' qabel.

8. Il-Kummissjoni għandha twettaq fis-sena 1993 eżami *interim* ta' l-introjtu medju fuq il-produzzjoni għal din is-sena. Fuq il-bażi ta' dan l-eżami, il-Kummissjoni tista' tagħmel ħlasijiet bil-quddiem skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

▼M6

9. Stat Membru jista' jiġi awtorizzat biex jintroduċi miżura temporanja li biha, ma titħallas l-ebda għajnuna kompensatorja għal prodott mibjugħ minn pjantaġġuni ġodda tal-banana mħawla fl-1 ta' Ġunju 2002 jew wara, meta, fl-opinjoni ta'l-Istat Membru jkun hemm riskju għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-produzzjoni, b'referenza partikolari għall-konservazzjoni ta'l-ambjent, u l-protezzjoni tal-ħamrija u l-fatturi karatteristiċi tal-kampanja.

Fuq talba ta'l-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tagħti l-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu preċedenti b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

▼B

*Artikolu 13*

1. Għandu jingħata primjum waħdieni lill-produtturi tal-banana fil-Komunità li jieqfu milli jipproduċu l-banana

2. L-għotja tal-primjum għandha tkun bla ħsara għall-qbil bil-miktub tar-riċevitur:

(a) sabiex jindaħal jew ikun indaħal għal ħidma waħda li sseħħ matul perjodu taż-żmien li jrid jiġi stabbilit fl-1993 jew fl-1994;

— l-għażieq għat-tnaqqija tas-siġar kollha tal-banana fuq l-impriża fejn il-medda miżrugħa bil-banana hija inqas minn ħames ettari;

— l-għażieq għat-tnaqqija ta' nofs is-siġar tal-banana fuq l-impriża fejn il-medda miżrugħa bil-banana hija ta' ħames ettari jew aktar

(b) biex ma jitħawlux siġar tal-banana fuq l-impriża interessata għal perjodu taż-żmien ta' għoxrin sena mis-sena li jkun sar l-għażiq għat-tnaqqija.

L-erji mħawla bil-banana wara li jkun daħal fis-seħħ dan ir-Regolament u l-impriżi ta' inqas minn 0,2 ettari ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-primjum.

3. Il-primjum għandu jkun ta' 1000 ECU għal kull ettaru. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27, dan l-ammont jista' jiġi aġġustat sabiex jitqiesu l-kondizzjonijiet speċifiċi f'ċerti erji.

4. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27, il-Kummissjoni tista' tawtorizza Stat Membru li jeskludi mill-eliġibilità l-primjum għall-waqfien mill-produzzjoni tal-banana lill-produtturi tal-banana lokati f'erji fejn l-għibien ta' dan il-wiċċ ikollu konsegwenzi negattivi, b'mod partikolari dwar iż-żamma tal-ħamrija miċroklimatika, jew il-kondizzjonijiet ambjentali jew il-pajsaġġ.

▼B

5. Dan il-primjum għandu jkun kompattibli ma' l-għotja ta' l-għajnuna skond Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91 ([1]), it-Titolu II tar-Regolament (KEE) Nru 1600/92 ([2]) u t-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92 ([3]) u l-għotja ta' assistenza strutturali skond ir-Regolamenti (KEE) Nru 2052/88 ([4]) u (KEE) Nru 4253/88 ([5]).

*Artikolu 14*

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati sabiex jiġi applikat dan it-Titolu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Madankollu, ir-regoli dettaljati sabiex jiġu applikati l-Artikoli 6 u 10 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88.

TITOLU IV

**Il-kummerċ ma' pajjiżi terzi**

▼M2

*Artikolu 15*

1. Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati taddazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2).

2. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

3. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 2 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

4. Il-prezzijiet ta' importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja mbarkata in -kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq dinji jew fis-suq ta' importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

5. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 27. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 ta' l imsemmi Ftehim.

▼M3

([1]) ĠU Nru L 356, ta' l-24. 12. 1991, pġ. 1.
([2]) ĠU Nru L 173, tas-27. 6. 1992, pġ. 1.
([3]) ĠU Nru L 173, tas-27. 6. 1992, pġ. 13.
([4]) ĠU Nru L 185, tal-15. 7. 1988, pġ. 9.
([5]) ĠU Nru L 374, tal-31. 12. 1988, pġ. 1.

▼M3

---

▼M5

*Artikolu 16*

▼M6

1. Dan l-Artikolu u l-Artikoli minn 17 sa 20 għandhom jgħoddu għall-importazzjonijiet ta' prodotti friski li jaqgħu taħt il-kodiċi ĊN 0803 00 19 sakemm tidħol fis-seħħ, mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2006, ir-rata tat-tariffa doganali komuni għal dawk il-prodotti stabbiliti taħt il-proċedura prevista fl-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT).

▼M5

2. Sakemm tidħol fis-seħħ ir-rata msemmija fil-paragrafu 1, l-importazzjoni msemmija fl-imsemmi paragrafu għandha tkunu taħt il-kwoti tat-tariffi miftuħa minn Artikolu 18.

*Artikolu 17*

Safejn ikun meħtieġ, l-importazzjoni tal-banana fil-Komunità għandha tkun soġġetta għal sottomissjoni ta' liċenza tal-importazzjoni, li għandha tinħareġ mill-Istati Membri lil kull parti interessata, irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti fil-Komunità u bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi adottati għall-applikazzjoni ta' Artikoli 18 u 19.

Dawn il-liċenzi tal-importazzjoni għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha. Ħlief fejn jiġu adottati derogi taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27, il-ħruġ tal-liċenzi għandu jkun soġġett għad-depożitu ta' garanzija kontra rabta għall-importazzjoni skond it-termini ta' dan ir-Regolament waqt il-perjodu tal-validità tal-liċenza. Ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, il-garanzija għandha tintilef kollha jew parti minnha jekk l-operazzjoni ma titwettaqx jew titwettaq parti biss minnha fiż-żmien preskritt.

▼M6

*Artikolu 18*

1. Kull sena mill-1 ta' Jannar għandhom jinfetħu l-kwoti ta' tariffi li ġejjin:

(a) kwota ta' tariffa ta 2 200 000 tunnellata metrika piż nett, imsejħa "il-kwota A";

(b) kwota ta' tariffa addizzjonali ta' 453 000 tunnellata metrika piż nett, imsejħa "il-kwota B";

(ċ) kwota ta' tariffa awtonoma ta' 750 000 tunnellata metrika piż nett, imsejħa "il-kwota Ċ".

Il-Kwoti A u B għandhom ikunu miftuħa għall-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi terzi kollha.

Il-Kwota Ċ għandha tkun miftuħa għall-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi ACP.

Il-Kummissjoni tista' abbażi ta' ftehim mal-membri ta'l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b'interess sostanzjali fil-provvista tal-banana, talloka l-kwoti A u B fost il-pajjiżi fornituri.

2. Importazzjoni taħt il-kwoti A u B u importazzjoni ta' banana minn pajjiżi terzi li ma jkunux il-pajjiżi ACP għandhom ikunu soġġetti għal dazju doganali ta' EUR 75 għal kull tunnellata metrika. Importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi ACP għandhom ikunu suġġetti għal dazju ta' żero.

3. Importazzjonijiet taħt il-kwota Ċ għandhom ikunu suġġetti għal dazju ta' żero.

4. Għandha tapplika tariffa ta' preferenza ta' EUR 300 għal kull tunnellata metrika fuq l-importazzjoni li toriġina f'pajjiżi ACP.

▼M6

5. Ir-rati ta' dazju doganali stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jinqalbu għall-valuta nazzjonali skond ir-rati applikabbli għall-prodotti in kwistjoni għall-finijiet tat-tariffa doganali komuni.

6. Il-Kwota B tista' tiġi awmentata jekk id-domanda fil-Komunità tiżdied kif inhu indikat minn *balace sheet* tal-produzzjoni, tal-konsum, ta'l-importazzjoni u l-esportazzjoni.

Il-*balance sheet* għandha tiġi adottata u l-kwota tat-tariffa awmentata taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

7. Fejn il-provvista tas-suq tal-Komunità tkun soġġetta għal ċirkostanzi eċċezzjonali li jeffettwaw il-produzzjoni jew l-importazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri speċifiċi meħtieġa skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

F'dawn il-każijiet, il-kwota B tista' tiġi aġġustata abbażi tal-*balance sheet* imsemmija fil-paragrafu 6. Il-miżuri speċifiċi jistgħu jidderogaw mir-regoli adottati taħt l-Artikolu 19(1). Dawn m'għandhomx jiddiskriminaw bejn pajjiżi terzi.

8. Il-banana li terġa' tiġi esportata mill-Komunità m'għandhiex tinqata' mill-kwoti korrispondenti tat-tariffa.

▼M5

*Artikolu 19*

1. Il-kwoti tat-tariffa jistgħu jiġu amministrati b'konformità mal-metodu bażat fuq il-konsiderazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali ("dawk tradizzjonali/dawk ġodda") u/jew skond metodi oħra.

2. Il-metodu adottat għandu jikkunsidra kif ikun approprjat il-ħtieġa li jinżamm l-ekwilibriju fil-provvista tas-s-suq tal-Komunità.

*Artikolu 20*

Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijeit biex timplimenta dan it-Titolu taħt il-proċedura spjegata f'Artikolu 27. L-iskop tagħhom għandu jinkludi:

(a) regoli dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffa msemmija f'Artikolu 18;

(b) meta tkun meħtieġa, garanzija tan-natura u l-oriġini tal-prodotti;

(ċ) miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rispett lejn l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn ftehim konklużmill-Komunità taħt Artikolu 300 tat-Trattat.

▼B

Titolu V

**Disposizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 21*

1. Għajr fejn ipprovdut xorta oħra f'dan ir-Regolament,

— l-impożizzjoni ta' kull imposta li jkollha effett ekwivalenti għal dazju tad-dwana,

— l-applikazzjoni ta' kull restrizzjoni kwantitativa jew miżura li jkollha effett ekwivalenti,

għandhom jiġu pprojbiti rigward l-importazzjoni tal-prodotti riferiti fl-Artikolu 1.

2. Il-kwota tat-tariffa stabbilita fil-Protokoll dwar il-kwota tat-tariffa għall-importazzjonijiet tal-banana annessa mal-Konvenzjoni ta' Implimentazzjoni dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji Lil Hemm mill-Baħar ipprovduti fl-Artikolu 136 tat-Trattat ma għandhiex tibqa' fis-seħħ.

▼M2

*Artikolu 22*

Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

▼M2

*Artikolu 23*

1. Jekk, minħabba l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew iktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 ikun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jaddotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddetermina l-każi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi temporanji.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Ir-regoli dettaljati ghall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 27.

5. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat.

▼B

*Artikolu 24*

Għajr fejn ipprovvdut xorta oħra f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 92 sa 94 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċ tal-prodotti riferiti fl-Artikolu 1.

▼M6

*Artikolu 25*

1. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13 għandhom jikkostitwixxu intervent maħsub biex jistabbilizza s-swieq agrikoli fis-sens ta'l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrarja komuni ([1]).

2. In-nefqa relatata ma'l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri f'konformità ma' l-Artikolu 6 għandha titqies bħala intervent biex jiġu stabbiliti s-swieq agrikoli fis-sens ta'l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999.

Din in-nefqa għandha tkun eliġibbli fil-każ ta'l-organizzazzjonijiet produtturi kollha stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2006.

Din għandha tkun is-soġġett ta' kontribuzzjoni Komunitarja ta' 75 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.

3. Il-miżuri previsti fl-Artikolu 10 għandhom ikunu parzjalment iffinanzjati mit-Taqsima ta'l-Iggwidar ta'l-EAGGF.

([1]) ĠU L 160, tas-26.06.1999, p. 103.

▼M6

4. Regoli dettaljati għall-appliakzzjoni ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari definizzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu qabel ma tista' titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità, għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 27.

---

▼M6

*Artikolu 27*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat ta'l-Amministrazzjoni tal-Banana (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, għandhom jgħoddu l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/46/KE.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/46/KE għandu jiġi ffissat bħala xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

▼B

*Artikolu 28*

Il-Kumitat jista' jikkunsidra kull kwistjoni oħra riferita lilu mill-President jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

*Artikolu 29*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif li teħtieġ sabiex timplimenta dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu ma';

— il-miżuri meħuda sabiex jiġu applikati u kkontrollati *standards* komuni tal-kwalità,

— l-organizzazzjonijiet tal-produtturi,

— il-kontenut u l-implimentazzjoni tal-qafas tal-programmi reġjonali dwar il-banana,

— id-disposizzjonijiet għall-maniġġjar ta' l-għajnuna kompensatorja,

— il-listi ta' l-operaturi,

— l-informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-prezzijiet,

▼M5

— il-kwantitajiet ta' banana tal-Komunità u ta' l-ACP u banana ġejja minn pajjiżi terzi li ma jkunux pajjiżi *ACP*, mqiegħda fis-suq fit-territorju tagħhom,

▼B

— il-peviżjonijiet dwar il-produzzjoni u l-konsum fis-sena ta' wara.

*Artikolu 30*

Jekk ikunu meħtieġa miżuri speċifiċi wara Lulju 1993 sabiex jassistu t-transizzjoni mill-arranġamenti eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament u, b'mod partikolari sabiex jegħlbu d-diffikultajiet ta' natura sensittiva, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri transitorji li tħoss li huma meħtieġa filwaqt li taġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

*Artikolu 31*

Fl-Artikolu 1 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1319/85:

1. It-tieni inċiż jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— spezzjoni dwar il-konformità ma' l-i*standards* tal-kwalità, jew ċerti ħtiġiet ta' kwalità

▼B

(a) tal-prodotti mniżżla fil-lista fl-Anness II mar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 li jiġu rtirati mis-suq skond l-Artikoli 15 u 15a jew mixtrija skond l-Artikoli 19 u 19a ta' dan ir-Regolament u

(b) il-prodotti fis-settur tal-banana koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 (*);

(*) ĠU Nru L 47, tal-25. 2. 1993, pġ. 1.”

2. Ir-raba' inċiż għandu jiġi mibdul bi:

“— il-verifika tar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet riferiti fl-Artikoli 17 u 24 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72”.

▼M3

*Artikolu 32*

1. Mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2004, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport, flimkien ma’ proposti jekk ikun approrjat, fuq it-tħaddim ta’ dan ir-Regolament u fuq alternattivi possibli, b’mod partikolari fir-rigward ta’l-arranġamenti ta’l-importazzjoni.

2. Ir-rapport għandu b’mod partikolari janalizza l-flussi kummerċjali għall-banana tal-Komunità, ta’ l-AKP u ta’ Stati terzi u jagħmel stima dwar kif ħadmu l-arranġamenti ta’l-importazzjoni. F’dan il kuntest, attenzjoni speċjali għandha ssir safejn il-forniturl-aktar dgħajfa ta’ l-AKP ikun irnexxielhom iżommu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tal-Komunità.

▼B

*Artikolu 33*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M5